# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel*

**2008/0032(COD)**

10.6.2008

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta numru ta' strumenti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, hekk kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju
Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju - Ir-Raba' Parti
(COM(2008)0071 – C6-0065/2008 – 2008/0032(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Miroslav Ouzký

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li jmiss fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 1.5 – punt -1 (ġdid)**
Direttiva 2001/20/KE
Artikolu 1 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) Fl-Artikolu 1(3), l-ewwel subparagrafu jiġi mibdul b'dan li ġej:*** |
| | ***"3. Il-Kummissjoni għandha tadotta u, jekk meħtieġ, tirrevedi*** **l-prinċipji ta' prattika klinika xierqa u linjigwida dettaljati bi qbil ma' dawn il-prinċipji** ***[...]*** **biex iqisu progress tekniku u xjentifiku** ***[...].*** |
| | ***Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 21(3)."*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 2.3 – punt 7 a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 2037/2000
Artikolu 11 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:*** |

**"3. Mill-1 ta' Jannar 2004, esportazzjonijiet mill-Komunità ta' idroklorofluworokarbonji għal kull Stat mhux parti mill-Protokoll għandhom ikunu projbiti. Il-Kummissjoni għandha *[...]* teżamina d-data ta' hawn fuq fir-rigward ta' żviluppi internazzjonali relevanti skond il-Protokoll u timmodifikaha kif jixraq.**

***Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(3)."***

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 2.6 – punt 1**
Direttiva 2006/21/KE
Artikolu 22 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sa l-1 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għal dan li ġej, waqt li (b), (ċ) u (d) jieħdu prijorità: | 2. Sa l-1 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għal dan li ġej, waqt li (b), (ċ) u (d) jieħdu prijorità: |
| (a) l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 13(6), inklużi r-rekwiżiti tekniċi fir-rigward tad-definizzjoni taċ-ċjanur dissoċjabbli b'aċtu dgħajjef u l-metodu ta' kejl tiegħu; | (a) l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 13(6), inklużi r-rekwiżiti tekniċi fir-rigward tad-definizzjoni taċ-ċjanur dissoċjabbli b'aċtu dgħajjef u l-metodu ta' kejl tiegħu; |
| (b) l-ikkompletar tar-rekwiżiti tekniċi għall-karatterizzazzjoni ta' l-iskart li jinsabu fl-Anness II; | (b) l-ikkompletar tar-rekwiżiti tekniċi għall-karatterizzazzjoni ta' l-iskart li jinsabu fl-Anness II; |
| (c) l-interpretazzjoni tad-definizzjoni li tinsab f'punt 3 ta' l-Artikolu 3; | (c) l-interpretazzjoni tad-definizzjoni li tinsab f'punt 3 ta' l-Artikolu 3; |
| (d) id-definizzjoni tal-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-iskart skond l-Anness III | (d) id-definizzjoni tal-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-iskart skond l-Anness III; |
| (e) id-determinazzjoni ta' kwalunkwe standards armonizzati għall-metodi ta' ġbir ta' kampjuni u analiżi meħtieġa għall-implimentazzjoni teknika ta' din id-Direttiva. ***Dawk il-miżuri, maħsuba biex*** | (e) id-determinazzjoni ta' kwalunkwe standards armonizzati għall-metodi ta' ġbir ta' kampjuni u analiżi meħtieġa għall-implimentazzjoni teknika ta' din id- |

| | |
|---|---|
| ***jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).*** | Direttiva. |
| | ***Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, inter alia, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).*** |
| | *(L-emenda tfisser li l-aħħar paragrafu se jkopri l-punti (a) sa (e))* |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 315/93
Artikolu 4 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Fl***-Artikolu 4(2), ***il-kliem "l-Artikolu 8" huma*** mibdula bil-***kliem "l-Artikolu 8(2)."*** | (2) L-Artikolu 4(2) ***jiġi*** mibdul ***b'dan li ġej:*** |
| | **"2. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-raġunijiet mogħtija mill-Istat Membru riferut fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun fil-Kumitat Permanenti għal Prodotti ta' l-Ikel, imwaqqaf bid-Deċiżjoni 69/314/KEE (1), u għandha tipprovdi l-opinjoni tagħha b'mod immedjat u tieħu kull miżura meħtieġa *mmirata lejn konfermar, emendar jew rifjutar tal-miżura nazzjonali* bi qbil mal-proċedura *regolatorja* stabbilita *fl-Artikolu 8(2).*"** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.2 – punt 2**
Direttiva 93/74/KE
Artikolu 8 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Fl***-Artikolu 8(2), ***il-kliem "l-Artikolu 9" huma*** mibdula bil-***kliem "l-Artikolu 9(2)."*** | (3) L-Artikolu 8(2) ***jiġi*** mibdul ***b'dan li ġej:*** |
| | **"2. Il-Kummissjoni għandha tibda malajr kemm jista' jkun il-proċedura *regolatorja* stabbilita fl-*Artikolu 9(2)* bil-ħsieb ta' l-adottar ta' kull miżura xierqa *mmirata lejn konfermar, emendar jew rifjutar tal-miżura nazzjonali."*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.2 – punt 3**
Direttiva 93/74/KE
Artikolu 9 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), ***u 5b),*** u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. | 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. |
| ***Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 5a(3)(ċ), (4)(b) u (4(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament.*** | |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.3 – punt 6 a (ġdid)**
Direttiva 96/23/KE
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Fl-Artikolu 29(1), ir-raba' subparagrafu jiġi mibdul b'dan li ġej:*** |
| | **"Il-Kummissjoni għandha tapprova l-pjan bi qbil mal-proċedura *regolatorja* stabbilita fl-*Artikolu 33(2).* Skond l-istess proċedura, garanziji alternattivi għal dawk riżultati mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jistgħu jkunu aċċettati."** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.4 – punt 7**
Regolament (KE) Nru 258/97
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) ***Fl***-Artikolu 12(2), ***il-kliem "l-Artikolu 13" huma*** mibdula bil-***kliem "l-Artikolu 13(2)."*** | (7) L-Artikolu 12(2) ***jiġi*** mibdul ***b'dan li ġej:*** |
| | **"2. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-bażijiet stipulati fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun fi ħdan il-Kumitat Permanenti għal Prodotti ta' l-Ikel; hija għandha tieħu l-miżuri xierqa *mmirati lejn konfermar, emendar jew rifjutar tal-miżura nazzjonali* bi qbil mal-proċedura *regolatorja* stabbilita fl-*Artikolu 13(2).* L-Istat Membru li ħa d-deċiżjoni stipulata fil-paragrafu 1 jista' jżommha sakemm jidħlu fis-seħħ il-miżuri."** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.5 – punt 3 - punt a**
Direttiva 2119/98/KE
Artikolu 7 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) ***u (5)(b)***, u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.<br>***Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 5a(3)(ċ), (4)(b) u (4(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament.*** | 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.6 – punt 2 - punt aa (ġdid)**
Direttiva 2000/13/KE
Artikolu 6 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – inċiż 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) fil-paragrafu 6, it-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż huwa mibdul bit-test li ġej:***<br>**"- ingredjenti li jappartjenu għal waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness I u huma kostitwenti ta' prodott ieħor ta' l-ikel jeħtieġ biss li jkunu deskritti bl-isem ta' din il-kategorija.**<br>**Modifiki għal-lista ta' kategoriji fl-Anness I jistgħu jkunu affettwati *mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati* skond il-proċedura *regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 20(3).*** |

| | |
|---|---|
| | **Iżda, id-deżinjazzjoni ta' "lamtu modifikat" imniżżel fl-Anness II għandha tkun dejjem komplimentata bl-indikazzjoni ta' l-oriġini veġetali speċifika tagħha, meta dak l-ingredjent jista' jkun fih il-glutina."** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.6 – punt 2 – punt b**
Direttiva 2000/13/KE
Artikolu 6 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - ingredjenti li jappartjenu għal waħda mill-kategoriji mniżżla fl-Anness II iridu jkunu magħrufa bl-isem ta' dik il-kategorija, segwit bl-isem speċifiku tagħhom jew numru KE; jekk ingredjent jappartjeni għal iktar minn kategorija waħda, il-kategorija approprjata għal funzjoni prinċipali fil-każ tal-prodott ta' l-ikel in kwistjoni tiġi indikata; | - ingredjenti li jappartjenu għal waħda mill-kategoriji mniżżla fl-Anness II iridu jkunu magħrufa bl-isem ta' dik il-kategorija, segwit bl-isem speċifiku tagħhom jew numru KE; jekk ingredjent jappartjeni għal iktar minn kategorija waħda, il-kategorija approprjata għal funzjoni prinċipali fil-każ tal-prodott ta' l-ikel in kwistjoni tiġi indikata. |
| Emendi għal dan l-Anness ibbażati fuq avvanzi fit tagħrif xjentifiku u tekniku, billi miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 20(4)***; | Emendi għal dan l-Anness ibbażati fuq avvanzi fit tagħrif xjentifiku u tekniku, billi miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 20(3)***. |
| Iżda, id-deżinjazzjoni ta' "lamtu modifikat" imniżżel fl-Anness II għandha tkun dejjem komplimentata bl-indikazzjoni ta' l-oriġini veġetali speċifika tagħha, meta dak l-ingredjent jista' jkun fih il-glutina, | Iżda, id-deżinjazzjoni ta' "lamtu modifikat" imniżżel fl-Anness II għandha tkun dejjem komplimentata bl-indikazzjoni ta' l-oriġini veġetali speċifika tagħha, meta dak l-ingredjent jista' jkun fih il-glutina, |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.6 – punt 2 - punt d**
Direttiva 2000/13/KE
Artikolu 6 – paragrafu 11 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu, l-Anness IIIa jista' jkun emendat mill-Kummissjoni, wara li opinjoni tkun ġiet akkwistata mingħand l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel li tkun maħruġa fuq il-bażi ta' l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri dwar materji tas-sigurtà ta' l-ikel (*). Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 20(4)***. | Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu, l-Anness IIIa jista' jkun emendat mill-Kummissjoni, wara li opinjoni tkun ġiet akkwistata mingħand l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel li tkun maħruġa fuq il-bażi ta' l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri dwar materji tas-sigurtà ta' l-ikel (*). Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 20(3)***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.6 – punt 5 a (ġdid)**
Direttiva 2000/13/KE
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fl-Artikolu 12, it-tieni subparagrafu jiġi mibdul b'dan li ġej:***<br><br>**"Fil-każ ta' xorb ieħor li fih aktar minn 1.2% bil-volum ta' alkoħol, dawn ir-regoli għandhom ikunu stabbiliti *mill-Kummissjoni.***<br><br>***Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 20(3)."*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.6 – punt 7 – punt b**
Direttiva 2000/13/KE
Artikolu 20 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) il-paragrafu 4 li ġej għandu jiġi miżjud:*** | ***imħassar*** |
| ***"4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u 5b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.*** | |
| ***Il-perjodi stipulati fl-Artikolu 5a (3) ċ), (4) b) u (4) e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament."*** | |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.7 – punt 2**
Direttiva 2001/37/KE
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tadatta għall-progress xjentifiku u tekniku l-metodi tal-kejl stabbiliti fl-Artikolu 4 u d-definizzjonijiet li jirrelataw magħhom. *Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati* skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 10(4)***. | 1. Il-Kummissjoni għandha tadatta għall-progress xjentifiku u tekniku l-metodi tal-kejl stabbiliti fl-Artikolu 4 u d-definizzjonijiet li jirrelataw magħhom. *Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati* skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 10(3)***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.7 – punt 3**
Direttiva 2001/37/KE
Artikolu 10 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u (5)(b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.*** | ***imħassar*** |
| ***Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 5a(3)(ċ), (4)(b) u (4(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament.*** | |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.8 – punt 2**
Direttiva 2001/95/KE
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tadatta l-ħtiġijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-obbligi li tipprovdi t-tagħrif stabbilit fl-Anness I. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 15(5)***. | Il-Kummissjoni għandha tadatta l-ħtiġijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-obbligi li tipprovdi t-tagħrif stabbilit fl-Anness I. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 15(4)***. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.8 – punt 3**
Direttiva 2001/95/KE
Artikolu 12 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proċeduri dettaljati għal RAPEX huma stipulati fl-Anness II. Huma għandhom ikunu adattati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 15(5)***. | *3.* Proċeduri dettaljati għal RAPEX huma stipulati fl-Anness II. Huma għandhom ikunu adattati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 15(4)***. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.8 – punt 4**
Direttiva 2001/95/KE
Artikolu 15 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u 5(b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.***<br><br>***Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 5a (3)(ċ) u (4)(b) u (e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament."*** | ***imħassar*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.10 – punt 8**
Regolament (KE) Nru 1774/2002
Artikolu 22 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Regoli sabiex jiġi applikat dan l-Artikolu, inkluż regoli li jikkonċernaw miżuri ta' kontroll, għandhom jiġu adottati ***bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 33(2)***. Derogi mill-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni rigward il-ħut u l-annimali bil-pil wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). | 2. Regoli sabiex jiġi applikat dan l-Artikolu, inkluż regoli li jikkonċernaw miżuri ta' kontroll, għandhom jiġu adottati ***mill-Kummissjoni***. ***Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3).*** Derogi mill-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu jistgħu jingħataw mill-Kummissjoni rigward il-ħut u l-annimali bil-pil wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3). |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.10 – punt 12 a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1774/2002
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Fl-Artikolu 29(4), l-ewwel subparagrafu jiġi mibdul b'dan li ġej:*** <br><br> **"4. Prodotti stipulati fl-Annessi VII u VIII, minbarra prodotti tekniċi, iridu jiġu minn impjanti fil-lista Komunitarja mfassla *mill-Kummissjoni* fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz lill-Kummissjoni b'dikjarazzjoni li l-impjant jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Komunità u huwa suġġett għal superviżjoni minn servizz ta' spezzjoni uffiċjali fil-pajjiż terz.** <br><br> ***Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(3)."*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.10 – punt 20 - punt a - subpunt (-i) (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1774/2002
Anness VIII – kapitolu IV – parti A – punt 3 – punt a - subpunt ii - inċiż 5

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(-i) il-punt 3(a)(ii), il-ħames inċiż jiġi mibdul b'dan li ġej:***<br>**"— kull trattament ieħor provdut *mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati* skond il-proċedura *regolatorja bi skrutinju* msemmija fl-*Artikolu 33(3)*."** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.11 – punt 1**
Direttiva 2002/98/KE
Artikolu 28 – paragrafu 4

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u (5)(b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.***<br>***Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 5a(3)(ċ), (4)(b) u (4(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.11 – punt 2 – punt c**
Direttiva 2002/98/KE
Artikolu 29 – paragrafi ġodda

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti (a), ***(h) u*** (i) tat-tieni paragrafu, *miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati* skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(3). | Ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti (a) ***sa*** (i) tat-tieni paragrafu, *miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati* skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(3). |
| ***Ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti 29(b), (ċ), (d), (e), (f) u (g), tat-tieni paragrafu, miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(4).*** Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza l-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 28(5) fir-rigward ta' ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tat-tieni subparagrafu. | Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza l-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 28(5) fir-rigward ta' ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tat-tieni subparagrafu. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.12 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 1831/2003
Artikolu 3 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn ikun meħtieġ, bħala riżultat tal-progress teknoloġiku jew żvilupp xjentifiku, il-Kummissjoni tista' tadatta l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Anness IV. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 22(4)***. | 5. Fejn ikun meħtieġ, bħala riżultat tal-progress teknoloġiku jew żvilupp xjentifiku, il-Kummissjoni tista' tadatta l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Anness IV. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju |

| | |
|---|---|
| | msemmija fl-***Artikolu 22(3)***. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.12 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 1831/2003
Artikolu 6 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn ikun meħtieġ, bħala riżultat tal-progress teknoloġiku, il-Kummissjoni tistabbilixxi kategoriji ta' additivi ta' l-ikel jew gruppi funzjonali oħra. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 22(4)***. | 3. Fejn ikun meħtieġ, bħala riżultat tal-progress teknoloġiku, il-Kummissjoni tistabbilixxi kategoriji ta' additivi ta' l-ikel jew gruppi funzjonali oħra. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 22(3)***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.12 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1831/2003
Artikolu 16 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' tadotta l-emendi għall-Anness III biex jitqiesu l-progress teknoloġiku u l-iżvilupp xjentifiku. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 22(4)***. | *6.* Il-Kummissjoni tista' tadotta l-emendi għall-Anness III biex jitqiesu l-progress teknoloġiku u l-iżvilupp xjentifiku. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 22(3)***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.12 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 1831/2003
Artikolu 21 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-regoli dettaljati għat-tħaddim ta' l-Anness II ***u kull emenda għal dan l-Anness*** għandhom ikunu addottati fi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2). | Ir-regoli dettaljati għat-tħaddim ta' l-Anness II għandhom ikunu addottati fi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 22(2). |
| L-Anness II jista' jiġi emendat mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 22(4)***. | L-Anness II jista' jiġi emendat mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 22(3)***. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.12 – punt 6 – punt b**
Regolament (KE) Nru 1831/2003
Artikolu 22 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) il-paragrafu 4 għandu jiġi miżjud:*** | ***imħassar*** |
| ***"4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u (5)(b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.*** | |
| ***Il-perjodi stipulati fl-Artikolu 5a (3) ċ), (4) b) u (4) e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament."*** | |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.13 – punt -1 (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 2065/2003
Artikolu 6 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(-1) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:***<br><br>**"1. Lista tal-prodotti primarji awtorizzati għall-esklużjoni ta' l-oħrajn kollha fil-Komunità għal użu proprju jew għal ikel u/jew għall-produzzjoni ta' taħwir bl-affumikazzjoni derivat għandha tkun stabbilita *mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3)."*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.13 – punt -1 a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 2065/2003
Artikolu 6 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(-1a) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:***<br>**"3. Wara t-twaqqif tal-lista stipulata fil-paragrafu 1, prodotti primarji jistgħu jiżdiedu ma' din il-lista.**<br>***Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3).***" |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.13 – punt -1 b (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 2065/2003
Artikolu 17 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1b) Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:***<br>**" 3. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, wara li tkun talbet assistenza xjentifika u teknika mill-Awtorità, tadotta kriterji ta' kwalità għal metodi analitiċi validati proposti bi qbil mal-punt 4 ta' l-Anness II, inklużi sustanzi li jridu jitkejlu *[...]*.**<br>***Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3).***" |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.13 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 2065/2003
Artikolu 18 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Emendi għal-lista msemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiġu adottati ***skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(2)*** wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità għal għajnuna xjentifika u/jew teknika. | 2. Emendi għal-lista msemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiġu adottati ***mill-Kummissjoni*** wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità għal għajnuna xjentifika u/jew teknika. ***Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 19(3).*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.15 – punt 1 a (ġdid)**
Direttiva 2004/23/KE
Artikolu 9 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 4 jiġi mibdul b'dan li ġej:***<br><br>**"4. Il-proċeduri għal verifika ta' l-istandards ekwivalenti ta' kwalità u sikurezza bi qbil mal-paragrafu 1 għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni** ***[...]. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 29(3).***" |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.15 – punt 2 – punt b**
Direttiva 2004/23/KE
Artikolu 28 – paragrafi ġodda

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti (a)***, (b), (ċ), (f), (g) u*** (i), *miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom ikunu adottati* skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 29(3). | 1. Ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti (a) ***sa*** (i), *miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom ikunu adottati* skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 29(3). |
| 2. ***Ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti (d), (e), u (h), miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 29(4).*** Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza l-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 29(5) fir-rigward ta' ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti (d) u (e) ta' l-Artikolu 28. | 2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza l-Kummissjoni tista' tuża l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 29(5) fir-rigward ta' ħtiġijiet tekniċi msemmija fil-punti (d) u (e) ta' l-Artikolu 28. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.15 – punt 4 – punt b**
Direttiva 2004/23/KE
Artikolu 29 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u (5)(b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.*** | ***imħassar*** |
| ***Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 5a(3)(ċ), (4)(b) u (4(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament.*** | |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.16 – punt 1 a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 882/2004
Artikolu 15 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 5 jiġi mibdul b'dan li ġej:*** |
| | **"5. Lista ta' għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, fuq il-bażi ta' riskju magħruf jew emerġenti, biex tkun suġġetta għal livell miżjud ta' kontrolli uffiċjali fil-punt ta' dħul f'territorji stipulati fl-Anness I għandha titfassal u tkun aġġornata *mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 62(4)*.** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | **Il-frekwenza u l-karatteristika ta' dawn il-kontrolli għandhom ikunu stabbiliti bi qbil ma' l-istess proċedura. Fl-istess waqt, il-miżati relatati ma' kontrolli bħal dawn jistgħu jkunu stabbiliti bi qbil ma' l-istess proċedura."** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.16 – punt 5 a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 882/2004
Artikolu 32 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fl-Artikolu 32, il-paragrafu 6 jiġi mibdul b'dan li ġej*:** |
| | **"6. Responsabilitajiet addizzjonali u doveri għal laboratorji ta' referenza Komunitarji jistgħu jkunu stabbiliti *mill-Kummissjoni*. *Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 62(4)*."** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.16 – punt 5 b (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 882/2004
Artikolu 33 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Fl-Artikolu 33, il-paragrafu 6 jiġi mibdul b'dan li ġej:*** |
| | **"6. Responsabilitajiet addizzjonali u doveri għal laboratorji ta' referenza nazzjonali jistgħu jkunu stabbiliti *mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 62(4).***" |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.17 – punt 1 – punt b**
Regolament (KE) Nru 1935/2004
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafi ġodda

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-miżuri speċifiċi msemmija fil-punt (m) għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(2). | Il-miżuri speċifiċi msemmija fil-punt (m) għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(2). |
| Il-miżuri speċifiċi msemmija fil-punti ***(f), (g), (h), (i), (j), (k),*** (l) u (n) maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3). | Il-miżuri speċifiċi msemmija fil-punti ***(a), sa*** (l) u (n), maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3). |
| ***Il-miżuri speċifiċi msemmija fil-punti (a) sa (e), miżuri dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 23(4)."*** | |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.17 – punt 1 – punt c**
Regolament (KE) Nru 1935/2004
Artikolu 5 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni tista' temenda d-direttivi speċifiċi eżistenti dwar materjali u oġġetti. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl- | 2. Il-Kummissjoni tista' temenda d-direttivi speċifiċi eżistenti dwar materjali u oġġetti. Dawk il-miżuri maħsuba biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl- |

| | |
|---|---|
| *Artikolu 23(4).* | *Artikolu 23(3).* |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.17 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 1935/2004
Artikolu 11 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-speċifika, kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni. Dik il-miżura maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi tissupplimentah, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 23(4)***. | *3.* L-speċifika, kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni. Dik il-miżura maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi tissupplimentah, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 23(3)***. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.17 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1935/2004
Artikolu 12 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Miżura speċifika finali dwar il-modifikazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' l-awtorizzazzjoni għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni. Dik il-miżura maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi tissupplimentah, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 23(4)***. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 23(5). | *6.* Miżura speċifika finali dwar il-modifikazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' l-awtorizzazzjoni għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni. Dik il-miżura maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi tissupplimentah, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-***Artikolu 23(3)***. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 23(5). |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Anness – taqsima 5.17 – punt 6 – punt b**
Regolament (KE) Nru 1935/2004
Artikolu 23 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u (5)(b), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.*** | ***imħassar*** |
| ***Il-limiti ta' żmien stipulati fl-Artikolu 5a(3)(ċ), (4)(b) u (4(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikunu stabbiliti għal xahrejn, xahar u xahrejn rispettivament.*** | |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Adattament ta' ċerti atti suġġetti għad-Deċiżjoni 1999/468/KE - Adattament tal-proċedura regolatorja bi skrutinju (Ir-Raba' Parti) |
| **Referenzi** | COM(2008)0071 – C6-0065/2008 – 2008/0032(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | JURI |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>13.3.2008 |
| **Rapporteur ta' opinjoni:**<br>Data tal-ħatra | Miroslav Ouzký<br>27.2.2008 |
| **Diskussjoni fil-kumitat** | 5.5.2008 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 3.6.2008 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 52<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-vot finali** | Georgs Andrejevs, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Irena Belohorská, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Martin Callanan, Dorette Corbey, Magor Imre Csibi, Chris Davies, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Edite Estrela, Anne Ferreira, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Marie Anne Isler Béguin, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Peter Liese, Jules Maaten, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Dagmar Roth-Behrendt, Guido Sacconi, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Kathy Sinnott, María Sornosa Martínez, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman, Glenis Willmott |
| **Sostitut(i) preżenti għall-vot finali** | Inés Ayala Sender, Iles Braghetto, Philip Bushill-Matthews, Bairbre de Brún, Genowefa Grabowska, Rebecca Harms, Henrik Lax, Johannes Lebech, Miroslav Mikolášik |